# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 11 ta' Mejju, 2001.**

**Numru 3**

**Citaz. Nru. 649/01GV**

**Agius Marble Works Co. Limited**

**vs**

**Ramco Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' konvenuta giet imqabbda sabiex tezegwixxi xogholijiet fil-bini tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin, il-Belt;

Premess illi s-socjeta' konvenuta, da parti taghha, qabbdet lis-socjeta' attrici sabiex tforni certu materjal u twettaq ix-xoghol relatat fl-imsemmi Ministeru;

Premess illi s-socjeta' attrici forniet irham u opri tal-gebel mahduma minnha u wettqet xoghol ta' tqeghid, pulixxjar u lavur in konnessjoni ma' dan il-materjal bil-prezz globali ta' hamest elef, tlett mija u sbatax il-lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm5,317.22), kif indikat mit-tlett *invoices* datati 24 ta' Gunju, 1998 u 4 ta' Settembru, 1998, hawn annessi bhala Dok. A, B u C u l-kont totali Dok. D;

Premess illi s-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti fil-hlas tal-imsemmi ammont dovut lis-socjeta' attrici;

Premess illi l-ammont pretiz huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikoli 167-170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) tal-Ligijiet ta' Malta, u l-istanti qed tannetti ma' dan l-att, affidavit immarkat Dok. E a tenur ta' l-istess artikoli;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddecidi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh skond l-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta, thallas lis-socjeta' attrici, is-somma ta' hamest elef, tlett mija u sbatax il-lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm5,317.22), rapprezentanti il-prezz globali ta' materjal provdut u xoghol imwettaq mis-socjeta' attrici, fuq inkarigu dirett tas-socjeta' konvenuta, fil-bini ta' terzi, cioe' fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment, u bl-imghax legali mid-dati relattivi tal-*invoices* sal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta' Nazzareno Agius;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**